KONKLUŻJONIJIET TA' L-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fis-7 ta' Ġunju 2007 [1]

I — Introduzzjoni

1. Il-Commissione tributaria regionale di Genova (l-Italja) tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà ta' l-Artikoli 216 u 220 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità [2] fil-każ fejn merkanzija tal-Komunità tiġi esportata minn qabel, f'kuntest ta' sistema ta' pproċessar tad-dħul, lejn pajjiż terz li miegħu ġie konkluż ftehim li jkun fih klawsola li ma tippermettix rifużjoni.

2. Il-kwistjoni li wasslet għall-kawża tirrigwarda t-talba li d-Dwana ta' Ġenova għamlet lill-kumpannija Agrover Srl (iktar 'il quddiem "Agrover") fir-rigward ta' dazji doganali allegatament dovuti fuq operazzjonijiet, fil-kuntest ta' sistema ta' pproċessar tad-dħul, ta' esportazzjoni anticipata lejn l-Ungerija, pajjiż li fiż-żmien ta' meta ġraw il-fatti kien marbut mal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom permezz ta' ftehim li fih klawsola li ma tippermettix rifużjoni, ta' ross mitħun li ġej mill-Komunità u l-importazzjoni ulterjuri mit-Tajlandja, b'eżenzjoni mid-dazji doganali, ta' kwantità ekwivalenti ta' ross imnaddaf.

II — Il-kuntest ġuridiku

A — *KDK* [3]

3. Skond l-Artikolu 114:

"1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 115, il-proċedura [is-"sistema"] ta' l-ipproċessar tad-dħul għandha tippermetti li s-segwenti

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 — ĠU L 302, p. 1, iktar 'il quddiem il-"KDK".

3 — L-emendi tal-KDK li saru wara ma jaffetwawx is-siltiet iċċitati hawnhekk.

merkanzija tintuża fit-territorju doganali tal-Komunità f'operazzjoni ta' l-ipproċessar waħda jew iktar:

a) merkanzija mhux tal-Komunità maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mit-territorju doganali tal-Komunità taħt issura ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin, mingħajr ma tali merkanzija tkun soġġetta għal dazji fuq l-importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali;

b) merkanzija meħlusa għal ċirkolazzjoni libera bil-ħlas lura [irkupru] jew remissjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni imponibbli fuq dik il-merkanzija kieku tkun esportata mit-territorju doganali tal-Komunità taħt is-sura ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin.

2. L-espressjonijiet li ġejjin għandu jkollhom it-tifsiriet li ġejjin:

a) sistema ta' sospensjoni: [is-sistema ta'] pproċessar tad-dħul li hemm provdut dwar[a] fil-paragrafu 1 (a);

b) is-sistema drawback (ir-rifużjoni ta' dazji mħallsa fuq merkanzija importata li mbagħad terġa' tiġi esportata): [is-sistema ta']pproċessar tad-dħul li hemm provdut dwara fil-paragrafu 1 (b)];

c) operazzjonijiet ta' l-ipproċessar:

— it-tħaddim ta' merkanzija, inkluż it-twaqqif jew l-immontar tagħha jew it-tqegħid tagħha ma' merkanzija oħra,

— l-ipproċessar ta' merkanzija,

— it-tiswija ta' merkanziji, inkluż ir-restawr tagħhom u t-tqegħid tagħhom f'posthom;

u

— l-użu ta' ċerti merkanziji definiti skond il-proċedura tal-kumitat li ma jinstabux fil-prodotti li jikkumpensaw lil xulxin, iżda li jippermettu jew jiffaċilitaw il-produzzjoni ta' dawk il-prodotti, anke jekk jinħlew kompletament jew parzjalment fil-proċess.

d) prodotti li jikkumpensaw lil xulxin: il-prodotti kollha li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' l-ipproċessar;

b) prodotti li jikkumpensaw lil xulxin miksuba minn merkanzija ekwivalenti li tiġi esportata mill-Komunità qabel l-importazzjoni tal-merkanzija importata.

e) merkanzija ekwivalenti: merkanzija tal-Komunità li tintuża minflok il-merkanzija importata għall-manifattura ta' prodotti li jikkompensaw lil xulxin;

2. Merkanzija ekwivalenti għandha tkun ta' l-istess kwalità u jkollha l-istess karatteristiċi tal-merkanzija importata. Iżda, f'każijiet speċifiċi stabbiliti skond il-proċedura tal-kumitat, merkanzija ekwivalenti tista' tkun permessa li tkun fi stadju ta' manifattura iktar avvanzat mill-merkanzija importata.

f) rata ta' rendiment: il-kwantità jew persentaġġ ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin miksuba mill-iproċessar ta' ċerta kwantità ta' merkanzija importata."

3. Fejn japplika l-paragrafu 1, il-merkanzija importata għandha titqies għall-iskopijiet doganali bħala merkanzija ekwivalenti u din ta' l-aħħar bħala merkanzija importata [...]."

4. L-Artikolu 115 jiddisponi:

"1. Fejn il-kondizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 jiġu ssodisfati, u bla ħsara għall-paragrafu 4, l-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu:

5. L-Artikolu 216 jipprovdi:

a) prodotti li jikkumpensaw lil xulxin li għandhom jinkisbu minn merkanzija ekwivalenti;

"1. Safejn ftehim konkluż bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi terzi jipprovdi għall-għoti ma' l-importazzjoni f'dawk il-pajjiżi ta' trattament preferenzjali tat-tariffa għal merkanziji li joriġinaw fil-Komunità fit-tifsira ta' dak il-

ftehim, bil-kondizzjoni li, fejn ikunu nkisbu taħt [is-sistema] ta' l-ipproċessar tad-dħul, merkanziji mhux tal-Komunità inkorporati fl-imsemmija merkanziji jkunu soġġetti għall-ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni li għandhom jitħallsu fuq l-istess, il-validazzjoni tad-dokumenti neċessarji sabiex dak it-trattament preferenzjali tat-tariffa jkun jista' jinkiseb f'pajjiżi terzi għandu jikkawża li jiġi inkors dejn doganali fuq l-importazzjoni.

6. L-Artikolu 220 jipprovdi:

"[...]

2. Il-mument meta dak id-dejn doganali jiġi inkors għandu jitqies li jkun il-mument meta l-awtoritajiet doganali jaċċettaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni dwar il-merkanziji konċernati.

2. Ħlief fil-każijiet li ssir referenza għalihom fit-tieni u t-tielet subparagrafi ta' l-Artikolu 217(1), daħliet sussegwenti fil-kontijiet m'għandhomx isiru fejn:

3. Id-debitur għandu jkun id-dikjarant. F'każ ta' rappreżentazzjoni indiretta, il-persuna li għan-nom tagħha tkun saret id-dikjarazzjoni għandha wkoll tkun debitriċi.

[...]

4. L-ammont ta' dazji fuq l-importazzjoni li jikkorrispondi ma' dan id-dejn doganali għandu jiġi stabbilit taħt l-istess kondizzjonijiet bħal fil-każ ta' dejn doganali li jirriżulta mill-aċċettazzjoni, fl-istess data, tad-dikjarazzjoni għall-ħelsien għal ċirkolazzjoni libera tal-merkanziji involuti għall-iskop li tintemm [is-sistema] ta' l-ipproċessar tad-dħul."

b) l-ammont ta' dazju legalment dovut ma jkunx iddaħħal fil-kontijiet bħala riżultat ta' żball min-naħa ta' l-awtoritajiet doganali liema żball ma setgħetx raġonevolment tinduna bih il-persuna responsabbli għall-ħlas, waqt li din ta' l-aħħar tkun aġixxiet bil-bona fidi u ħarset id-dispożizzjonijiet kollha stipulati mil-leġislazzjoni fis-seħħ fir-rigward tad-dikjarazzjoni doganali".

B — *Ftehim Ewropew li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u l-Ungerija, min-naħa l-oħra* [4]

7. Skond l-Artikolu 1, "qiegħda tiġi stabbilita assoċjazzjoni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Ungerija, min-naħa l-oħra".

C — *Id-Deċiżjoni Nru 3/96 tal-Kunsill ta' assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra* [5]

8. L-Artikolu 15, intitolat "Projbizzjoni ta' rifużjoni jew eżenzjoni mid-dazji doganali", jiddisponi:

"1. a) Materjali li mhumiex oriġinarji u li ntużaw fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw mill-Komunità, mill-Ungerija jew minn pajjiżi oħra elenkati fl-Artikolu 4, li għalihom inħarġet jew saret prova ta' l-oriġini skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V, m'għandhomx jibbenefikawx, la fil-Komunità u lanqas fl-Ungerija, minn rifużjoni ta' kwalunkwe tip, ta' dazji doganali jew eżenzjoni minnhom ta' kwalunkwe tip [...]"

III — Il-kwistjoni prinċipali u t-talba għal deċiżjoni preliminari

9. Fl-2001, wara awtorizzazzjoni għall-ipproċessar tad-dħul li ngħatat mid-Dwana ta' Novara, Agrover, li għandha l-uffiċċju prinċipali tagħha f'Vercelli (l-Italja), fi tliet operazzjonijiet esportat bil-quddiem lejn l-Ungerija, pajjiż li dak iż-żmien kien marbut mal-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom permezz ta' ftehim li fih klawsola li ma tippermettix rifużjoni, ross mitħun li joriġina mill-Komunità u, wara dan, importat mit-Tajlandja, b'eżenzjoni mid-dazji doganali, kwantità ekwivalenti ta' ross imnaddaf.

10. Fis-26 ta' Jannar 2004, id-Dwana ta' Ġenova, fejn kienu seħħew it-tliet operazzjonijiet ta' importazzjonijiet ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin, ħarġet tliet avviżi ta' rettifika għall-ammont totali ta' EUR 73 767,88. Id-Dwana ta' Ġenova kkunsidrat li dawn l-importazzjonijiet kellhom ikunu suġġetti għall-ħlas ta' dazju, minħabba li dawn ma kienux jaqgħu fil-kategorija ta'

4 — ĠU 1993, L 347, p. 2.

5 — Deċiżjoni tat-28 ta' Diċembru 1996 (ĠU L 1997, L 92, p. 1).

operazzjonijiet li għandhom jiġu kkunsidrati bħala li jaqgħu taħt l-ipproċessar tad-dħul fis-sens ta' l-Artikoli 114 u 115 tal-KDK, peress li l-importazzjonijiet ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin ma kinux jikkonċernaw merkanzija provenjenti minn pajjiż li kkonkluda ftehim mal-Komunità.

11. Il-kumpannija Agrover ippreżentat rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet. Il-Commissione tributaria provinciale di Genova ċaħdet dan ir-rikors fit-2 ta' Lulju 2004. Agrover interponiet appell minn din id-deċiżjoni quddiem il-Commissione tributaria regionali di Genova, li qieset li kien meħtieġ li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti żewġ domandi preliminari:

"1. Jista' l-Artikolu 216 tal-[KDK] jiġi applikat fil-każijiet fejn merkanzija Komunitarja (ross), esportat bil-quddiem taħt is-sistema ta' l-ipproċessar tad-dħul b'ċertifikat EUR.1 lejn pajjiż terz (li miegħu ġie konkluż ftehim li jipprevedi l-għoti ta' trattament preferenzjali tat-tariffa), twassal għall-applikazzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni fil-mument ta' meta suċċessivament ikun hemm l-importazzjoni mill-ġdid, li tikkumpensa, ta' l-istess merkanzija (ekwivalenti) minn pajjiż terz li ma jkunx ikkonkluda ftehim mal-Komunità?

2. Fil-każijiet fejn id-dazji previsti fl-Artikolu 216 tal-[KDK] ma nġabrux kontestwalment ma' l-importazzjoni li tikkumpensa, tista' d-dwana titlobhom sussegwentement, jew jekk, bil-kontra ta' dan, dan huwiex każ ta' eżenzjoni kopert mill-Artikolu 220 ta' dan l-istess kodiċi?"

IV — L-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

A — *Fuq l-ewwel domanda*

12. Il-kumpannija Agrover tissuġġerixxi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun li l-Artikolu 216 tal-KDK ma japplikax għall-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-dħul li hija għamlet, peress li dan l-artikolu jikkonċerna esklużivament il-merkanzija mhux tal-Komunità "inkorporata" fil-merkanzija tal-Komunità li trid tiġi esportata, filwaqt li, fil-każ tar-ross li hija esportat bil-quddiem, ma kienx hemm tali inkorporazzjoni. Din l-interpretazzjoni hija kkonfermata mill-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni Nru 3/96, li tipprovdi għall-projbizzjoni rifużjoni tad-dazji doganali bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati membri tagħhom, minn naħa, u r-Repubblika ta' l-Ungerija, min-naħa l-oħra, biss fir-rigward ta' materjal li mhuwiex oriġinarju li jintuża fil-manifattura ta' prodotti li joriġinaw fil-Komunità. Barra minn hekk, f'dan il-każ, l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 216 tal-KDK

tikkaġuna telf lill-esportatur ta' madwar EUR 210 għal kull tunnellata ta' ross.

13. Il-Gvern Taljan jissuġġerixxi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun li s-sistema ta' "proċessar tad-dħul" ikkontemplata fl-Artikoli 114, 115 u 216 tal-KDK tikkonċerna kull operazzjoni doganali li tissodisfa l-kundizzjonijiet legali u l-operatur ma jistax jippretendi l-estensjoni tal-vantaġġi tagħha għal fuq l-operazzjoni suċċessiva ta' l-importazzjoni mill-ġdid, li tikkumpensa, ta' l-istess merkanzija provenjenti minn pajjiż mhux fil-Komunità li ma jkunx ikkonkluda ftehim mal-Komunità. Il-Gvern Taljan jesponi li d-dubju mqajjem mill-interpretazzjoni tal-kliem impreċiż użat fl-Artikolu 216 tal-KDK fid-dawl ta' l-applikazzjoni tiegħu għall-każ bħal dak in eżami, ġie eliminat permezz tad-dokument redatt mid-dipartimenti tal-Kummissjoni TAXUD/724/2003, ta' l-20 ta' Marzu 2003, li, filwaqt li ammetta li d-dispożizzjoni in kwistjoni hija ambigwa, stabbilixxa li, f'kull każ fejn operazzjoni ta' proċessar tad-dħul ta' ross b'esportazzjoni antiċipata ssir bil-ħruġ ta' ċertifikat EUR. 1, għandhom jingabru dazji doganali fil-mument ta' l-importazzjoni mill-ġdid tal-merkanzija li toriġina barra mill-Komunità. Dan huwa minnu peress li, skond id-dokument imsemmi, "minkejja l-kuntest tiegħu, [l-Artikolu 216 tal-KDK] la huwa regola dwar l-oriġni u lanqas regola dwar ipproċessar tad-dħul, iżda regola li tirrigwarda l-obbligu doganali. Fi kliem ieħor il-bażi ġuridika ta' l-irkupru eventwali tad-dazji doganli huwa l-Artikolu 216 tal-KDK innifsu u mhux ir-'regola li ma tippermettix rifużjoni' ddefinita fil-protokoll dwar l-oriġini". L-għoti ta' eżenzjoni mid-dazji doganali wkoll fuq il-merkanzija importata sabiex tikkumpensa jwassal għal kumulu eċċessiv ta' vantaġġi fil-kuntest ta' l-istess operazzjoni. L-operatur għandu jagħżel jew li jibbenefika mill-eżenzjoni fil-mument ta' l-esportazzjoni grazzi għall-ħruġ taċ-ċertifikat EUR.1, jew li jibbenefika mill-eżenzjoni mid-dazji fil-mument ta' l-importazzjoni li tikkumpensa.

14. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni tissuġġerixxi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun li l-Artikolu 216 tal-KDK jista' jiġi applikat biss fil-każ ta' proċessar tad-dħul "klassiku" fejn l-importazzjoni tiġi qabel l-esportazzjoni. L-Artikolu 216 tal-KDK jikkonċerna l-merkanzija li toriġina fil-Komunità miksuba taħt is-sistema ta' ipproċessar tad-dħul. L-effett ta' l-Artikolu 115(3) tal-KDK huwa li t-tranżazzjoni in kwistjoni f'dan il-każ ma tistax tiġi assimilata għall-esportazzjoni tal-merkanzija lejn pajjiż terz li miegħu jkun hemm ftehim fuq tariffa preferenzjali. L-Artikolu 216(2) tal-KDK, li jgħid li d-dejn doganali jkun dovut fil-mument ta' meta l-awtoritajiet doganali jaċċettaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni tal-merkanzija li tkun ġiet trattata minn qabel skond is-sistema ta' proċessar tad-dħul "klassika", mhuwiex kompatibbli mas-sistema ta' proċessar tad-dħul ES/IM (sistema magħrufa bħala ta' l-esportazzjoni bil-quddiem) u mal-*fictio juris* prevista fl-Artikolu 115(3) tal-KDK. Fid-dawl ta' din il-*fictio juris,* l-awtoritajiet Taljani ma kellhomx jaċċettaw iċ-ċertifikat EUR.1 għar-ross provenjenti mill-Komunità li kellu jiġi esportat fl-Ungerija. Bil-kontra ta' dan huma kellhom jikkunsidraw dan ir-ross bħala provenjenti mit-Tajlandja sabiex jiġi esportat lejn l-Ungerija skond is-sistema ta' proċessar tad-dħul ES/IM.

B — *Fuq it-tieni domanda*

15. Skond Agrover, jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li l-Artikolu 216 tal-KDK huwa applikabbli fil-każ preżenti, ir-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun li Agrover mhijiex obbligata tħallas dazji doganali, peress li l-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK huwa applikabbli wkoll. Minn naħa, il-*bona fide* ta' Agrover ma tistax tiġi kontestata, u dan peress li l-awtoritajiet doganali, għal diversi snin, m'għamlu l-ebda oġġezzjoni fil-konfront ta' transazzjonijiet analogi. Dan innuqqas ta' azzjoni jiġġustifika l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK [6]. Id-dokument TAXUD/724/2003 tal-Kummissjoni jenfasizza, barra minn hekk, in-natura inadegwata ta' l-Artikolu 216 tal-KDK għall-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-dħul, bħal dik in kwistjoni f'dan il-każ. Fl-aħħar nett, l-awtorizzazzjoni ta' l-ipproċessar tad-dħul ma kienet tagħmel l-ebda riferenza għall-Artikolu 216 tal-KDK. Għalhekk Agrover issostni li l-awtoritajiet doganali ma jistgħux issa, mingħajr ma jippreġudikaw il-prinċipju ta' l-aspettattiva leġittima [7], jaffermaw li l-ħruġ taċ-ċertifikati EUR.1 waqt l-esportazzjoni tar-ross mitħun lejn l-Ungerija tista' twassal għall-applikazzjoni ta' dazji għoljin ħafna fuq l-importazzjonijiet li jikkumpensaw tar-ross Tajlandiż, peress li dan jikkaġuna ħsara irreparabbli lir-rikorrenti, u dan peress li Agrover m'għadx baqala l-possibbiltà li tittrasferixxi d-dazju tal-fruntiera fuq ix-xerrej tar-ross importat mill-ġdid.

16. Il-Gvern Taljan jissuġġerixxi li r-risposta għandha tkun li l-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK ma japplikax fil-każ preżenti, peress li l-awtoritajiet doganali ma wettqu l-ebda żball, la fil-mument ta' l-esportazzjoni u lanqas fil-mument ta' l-importazzjoni li tikkumpensa. Huwa jżid li, waqt il-ħruġ taċ-ċertifikat EUR. 1, ma sar l-ebda żball, peress li r-ross esportat kien effettivament ta' oriġini Taljana. Dan jgħodd ukoll għall-introduzzjoni, peress li l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganli hija nieqsa minn kull sinjifikat legalment rilevanti fir-rigward ta' l-approvazzjoni jew ta' l-awtorizzazzjoni tal-metodi partikolari ta' eżekuzzjoni magħżula u lanqas ma timplika stħarriġ preliminari tar-regolarità ta' l-operazzjoni, stħarriġ li ġeneralment isir *a posteriori*, sabiex jitħaffu l-operazzjonijiet doganali. Anke li kieku sar żball, dan l-iżball seta' jiġi raġjonevolment skopert minn Agrover abbażi ta' l-esperjenza professjonali tagħha fil-qasam tal-ħelsien mid-dwana u tal-kummerċ internazzjonali. Barra minn hekk, din għandha tassumi r-riskji ekonomiċi marbutin ma' l-attivitajiet tagħha u ma tistax tinħeba wara l-kunċett tal-*bona fide*, li

6 — Agrover tirreferi għas-sentenza ta' l-1 ta' April 1993, Hewlett-Packard France (C-250/91, Ġabra. p. I-1819).

7 — Agrover tagħmel riferenza b'mod partikolari għas-sentenza ta' l-14 ta' Novembru 2002, Illumitrónica (C-251/00, Ġabra p. I-10433).

dejjem ġie interpretata b'mod strett mill-ġurisprudenza Komunitarja [8].

17. Min-naħa tagħha l-Kummissjoni tissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja m'għandiex tirrispondi għat-tieni domanda, peress li, fil-kawża li wasslet għar-rinviju preliminari, ebda dazju doganali ma kien dovut fis-sens ta' l-Artikolu 216 tal-KDK. Hija żżid, madankollu, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-persuna taxxabbli għandha d-dritt li l-amministrazzjoni ma tirkuprax *a posteriori* d-dazju dovut, jekk is-segwenti tliet kundizzjonijiet ikunu sodisfatti kumulattivament: id-dazju ma ngħabarx minħabba żball ta' l-awtoritajiet kompetenti nnifishom; l-iżball magħmul mill-awtoritajiet kompetenti għandu jkun tali li ma setgħetx raġjonevolment jiġi skopert mill-persuna taxxabbli ta' *bona fidi* minkejja l-esperjenza professjonali u d-diliġenza li huwa għandu jipprova; il-persuna taxxabbli għandha tkun osservat id-dispożizzjonijiet kollha previsti mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ f'dak li jikkonċerna d-dikjarazzjoni tiegħu fid-dwana [9]. Fil-każ ta' kontroversja fir-rigward ta' l-irkupru tad-dazju li ma jkunx inġabar fir-rigward ta' l-esportazzjoni tar-ross lejn l-Ungerija, hija l-qorti nazzjonali li għandha tikklassifika ġuridikament il-fatti fid-dawl ta' l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK, li jirrigwarda speċifikament il-każijiet fejn isir żball waqt l-għoti ta' ċertifikati meħtieġa għall-ksib ta' tariffa preferenzjali.

V — Evalwazzjoni

A — *Fuq l-ewwel domanda*

18. Preliminarjament, għandu jiġi enfasizzat li l-KDK attwali għandu jiġi kollu kemm hu rivedut fid-dettall fil-futur qarib [10]. B'mod ġenerali, il-proposta ta' kodiċi modernizzat tikkontempla "[l]-immodernizzar tal-Kodiċi Doganali, it-titjib tal-proċeduri u proċessi doganali u l-adattament tar-regoli lejn standards komuni għal sistemi ta' l-IT". Iktar minn hekk, dan ser jaffettwa partikolarment

8 — B'mod partikolari, skond il-Gvern Taljan, sabiex jiġi llimitat l-ħlas *a posteriori* tad-dazji fuq l-importazzjoni jew fuq l-esportazzjoni fil-każijiet fejn dan il-ħlas huwa ġġustifikat u kumpatibbli mal-prinċipju ta' l-aspettattiva leġittima (ara s-sentenza Hewlett Packard France, iċċitata iktar 'il fuq) u ma jesponix lill-operatur għal danni li jeċċedu r-riskju kummerċjali ordinarju (sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza ta' l-10 ta' Mejju 2001, Kaufring *et* vs Il-Kummissjoni, T-186/97, T-187/97, T-190/97 sa T-192/97, T-210/97, T-211/97, T-216/97 sa T-218/97, T-279/97, T-280/97, T-293/97 u T-147/99, Ġabra p. II-1337); min-naħa l-oħra, sabiex jiġu mħarsa l-interess tal-Komunità għall-irkupru tar-riżorsi proprji, billi tiddikjara li "l-fatt li l-importatur jkun ta' bona fidi ma jeżentahx mir-responsabbiltà tiegħu fir-rigward tal-ħlas tad-dejn doganali peress li huwa d-dikjarant tal-merkanzija importata" (sentenza tas-17 ta' Lulju 1997, Pascol & Filhos, C-97/95, Ġabra p. I-4209, punt 57 u ara, f'sens simili, is-sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1980, Ciro Acampora, 827/79, Ġabra p. 3731, u ta' l-14 ta' Mejju 1996, Faroe Seafood *et*, C-153/94 u C-204/94, Ġabra p. I-2465).

9 — Il-Kummissjoni tirreferi b'mod partikolari għas-sentenza tad-19 ta' Ottubru 2000, Sommer (C-15/99, Ġabra p. I-8989 punti 35 sa 39).

10 — Ebda data ma ġiet ippreċiżata. Il-Kodiċi attwali għandu jibqa fis-seħħ minn ta' l-inqas sa' l-2008 (M. Lux u P.-J. Larrieu, *La réforme du Code des douanes communautaire, tentative réussie de concilier progrès technique et simplification du droit?*, Rivista ta' l-affarijiet Ewropej, 2005, p. 554).

b'mod sostanzjali l-kunċett ta' l-ipproċessar tad-dħul kif jeżisti llum il-ġurnata [11].

19. Għalissa, abbażi ta' l-Artikolu 114 tal-KDK, is-sistema ta' pproċessar tad-dħul [12] tippermetti li wieħed jibbenefika minn sospensjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni ta' merkanzija li tkun ġejja minn pajjiż mhux fil-Komunità, bil-kundizzjoni li dawn jiġu mmanifatturati u mibgħutin lura barra mill-Komunità. Taħt din is-sistema, hija l-istess merkanzija li tiġi importata, ittrasformata u esportata mill-ġdid. Il-KDK jipprovdi wkoll is-sistema magħrufa bħala tal-"kumpens għall-merkanzija ekwivalenti": il-merkanzija tista' tkun provenjenti mill-Komunità, bil-kundizzjoni li hija tkun ekwivalenti għall-merkanzija miżmuma mill-istess impriża (l-Artikolu 115(3) tal-KDK). Skond il-KDK, huwa possibbli wkoll, li l-merkanzija tiġi esportata saħansitra qabel l-importazzjoni tal-merkanzija terza: is-sistema magħrufa bħal ta' "l-esportazzjoni bil-quddiem" jew "EX/IM" (Artikoli 115(1)(b) tal-KDK) [13]. Fil-każ preżenti, l-impriża Taljana Agrover riedet tuża dawn iż-żewġ possibbiltajiet, peress li hija esportat ross Taljan lejn l-Ungerija, u mbagħad importat xi ross provenjenti mit-Tajlandja.

20. Barra minn hekk, fiż-żmien ta' meta seħħew dawn l-operazzjonijiet, bejn ir-Repubblika ta' l-Ungerija u l-Komunità kien hemm ftehim preferenzjali li kien jinkludi klawsola magħrufa bħala tan-"non rifużjoni". Din il-klawsola hija maħsuba sabiex tipprojbixxi s-sospensjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni fuq merkanzija ta' pajjiżi terzi esportata lejn pajjiż firmatarju ta' ftehim preferenzjali. Għalhekk, din ir-regola hija intiża għat-tisħiħ ta' l-integrazzjoni ekonomika bilaterali, peress li, billi tillimita l-użu ta' prodotti ta' pajjiżi terzi li mhumiex firmatarji, hija tiffavorixxi l-inklużjoni ta' prodotti li ġejjin minn pajjiżi msieħba. Sabiex tiġi ffaċilitata l-ġustifikazzjoni ta' l-oriġni tal-merkanzija esportata f'dan it-tip ta' kummerċ ġew elaborati dokumenti speċifiċi, iċ-ċertifikati

11 — L-intenzjoni li l-prodotti jerġgħu jiġu esportati mill-ġdid ma tkunx iktar meħtieġa fil-futur. Konsegwentement il-proposta ta' regolament tindika li "l-proċedura ta' sospensjoni ta' proċessar attiv għandha titwaħħad ma' dik ta' l-ipproċessar bil-kontrolli tad-dwana u l-proċedura li tirtira lura 'l ġewwa ma tibqax tintuża'. Din il-proċedura waħdanija ta' ipproċessar attiv għandha tkopri wkoll għall-qerda, ħlief fejn il-qerda ssir minn, jew taħt is-superviżjoni tad-dwana" [proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità, COM(2005) 608 finali, iktar 'il quddiem "proposta ta' kodiċi modernizzat".

12 — Il-merkanzija mdaħħla fis-sistema ta' l-ipproċessar tad-dħul tista' tintuża taħt żewġ forom: is-sistema magħrufa bħala "ta' sospensjoni" (użu fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanzija mhux tal-Komunità destinata biex tiġi esportata mill-ġdid barra minn dan it-territorju fil-forma ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin, mingħajr ma din il-merkanzija tiġi soġġetta għad-dazji fuq l-importazzjoni) u s-sistema magħrufa bħala "ta' rkupru" (użu fit-territorju doganali tal-Komunità ta' merkanzija f'ċirkolazzjoni libera, bi rkupru jew rifużjoni tad-dazji fuq l-importazzjoni jekk din il-merkanzija tiġi esportata mill-ġdid barra minn dan it-territorju fil-forma ta' prodotti li jikkumpensaw lil xulxin). Ara C. J. Berr u H. Trémeau, *Le droit douanier*, Économica, Edizzjoni 7, Pariġi, 2006, p. 327. Ara wkoll, b'mod partikolari, T. Lyons, *EC Customs Law*, Oxford University Press, p. 345 *et seq*, Oxford, 2001; T. Palacchino, *Perfezionamento attivo*, fil-*Il diritto tributario comunitario*, Il Sole 24 ORE, Milan, 2004, p. 321-341; M. Lux, *Guide to Community Customs Legislation*, Bruylant, Brussel, 2002, p. 365 *et seq* u, ta' l-istess awtur, *Das Zollrecht der EG, ein Lehr- und Übungsbuch sowie Nachschlagewerk für Praktiker*, Cologne, L-Ewwel Edizzjoni, 2003, p. 287 *et seq*.

13 — M. Reymão (*Aperfeiçoamento activo*, fid-*Direito aduaneiro das Comunidades Europeias na perspectiva da União Europa*, Braga, 1992, p. 164) għalhekk jindika li l-metodu ta' esportazzjoni bil-quddiem "EX/IM" jippermetti l-esportazzjoni tal-prodotti li jikkumpensaw lil xulxin miksuba minn merkanzija ekwivalenti qabel ma ssir l-importazzjoni ta' merkanzija mhux tal-Komunità. Huwa ċar li dan il-benefiċċju jista' jingħata biss lill-merkanzija soġġetta għas-sistema ta' ipproċessar tad-dħul in kompensazzjoni b'merkanzija ekwivalenti — għaldaqstant ma tistax teżisti esportazzjoni bil-quddiem mingħajr kumpensazzjoni b'merkanzija ekwivalenti. Ara wkoll J. Garcia Gallego, *El régimen de perfeccionamiento activo como medida de fomento a la exportación*, f'*Cuadernos Europeos de Deusto*, Bilbao, 1991, p. 103; M. Foraster Serra, *Regulacion legal del trafico de perfeccionamieto activo*, f'*Revista juridica espagñola La Ley, Distribuciones de la Ley*, Madrid, 1988, p. 929 u M. Lux, *Das Zollrecht der EG, ein Lehr- und Übungsbuch sowie Nachschlagewerk für Praktiker*, iċċitat iktar 'il fuq, p. 288.

ta' ċirkolazzjoni, imsejħin ukoll ċertifikati "EUR.1" [14]. Id-diversi partijiet jidher li jagħtu importanza konsiderevoli lill-fatt li d-dwana Taljana ħarġet dan iċ-ċertifikat lil Agrover għar-ross li hija esportat lejn l-Ungerija. Iżda dan l-element mhuwiex importanti; dan juri sempliċiment li Agrover, li riedet tesporta r-ross tagħha lejn l-Ungerija fil-qafas tas-sistema preferenzjali, talbet biex tingħata dan id-dokument mingħand id-dipartimenti doganali Taljani, li min-naħa tagħhom għamlu dan.

21. L-għan tas-sistema ta' pproċessar tad-dħul huwa differenti minn dak tar-regola tan-non rifużjoni, peress li, bl-eżenzjoni mid-dazji doganali tal-merkanzija importata fil-Komunità li tkun ġejja minn pajjiżi terzi, din hija maħsuba biex toffri pożizzjoni kompetittiva aħjar lill-merkanzija tal-pajjiżi terzi li tiġi pproċessata fil-Komunità u esportata mill-ġdid [15], jew, fi kliem il-Qorti tal-Ġustizzja, biex "ma tiżvantaġġjax fuq livell internazzjonali lill-impriżi tal-Komunità li jużaw merkanzija ta' pajjiżi terz sabiex jiksbu prodotti intiżi għall-esportazzjoni, billi tagħtihom il-possibbiltà li jakkwistaw din il-merkanzija taħt l-istess kundizzjonijiet bħal impriżi mhux tal-Komunità [16]".

22. Bejn dawn iż-żewġ għanijiet, l-Artikolu 216 tal-KDK isolvi l-kwistjoni billi jipprovdi li l-merkanzija importata taħt is-sistema ta' pproċessar tad-dħul għandha tkun soġġetta għall-ħlas tad-dazji fuq l-importazzjoni meta din tiġi esportata fil-kuntest tat-trattament tariffarju preferenzjali. Għaldaqstant, kif isostnu Agrover u l-Kummissjoni, l-Artikolu 216 tal-KDK jikkontempla speċifikament biss l-ipoteżi klassika fejn l-importazzjoni tiġi qabel l-esportazzjoni (sistema "IM/EX").

23. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħi, minħabba l-*fictio juris* tas-sistema ta' kumpensazzjoni permezz ta' merkanzija ekwivalenti stabbilita mill-Artikolu 115(3), abbażi ta' liema l-prodott li jikkumpensa jiġi ttrattat bħala merkanzija terza u l-prodott importat bħala merkanzija tal-Komunità, l-Artikolu 216 tal-KDK għandu jiġi applikat ukoll fil-

14 — Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea — Protokoll 4 dwar ir-regoli oriġinali (ĠU 1994, L 1, p. 54). "Iċ-ċertifikat ta' ċirkolazzjoni tal-merkanzija EUR.1 jingħata mill-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni fuq talba bil-miktub magħmula mill-esportatur jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-istess mir-rappreżentant awtorizzat" (Artikolu 17(1)). "L-awtoritajiet doganali li joħorġu ċ-ċertifikat EUR.1 għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa biex jikkontrollaw l-oriġini tal-prodotti [...]" (Artikolu 17(5)).

15 — "Il-mekkaniżmi doganali li jagħmlu parti mis-sistema ta' pproċessar tad-dħul ġew ikkonċepiti bħala valvoli tas-sigurtà applikati għall-protezzjoni tal-merkanzija barranija intiża sabiex, wara trasformazzjoni industrijali fit-territorju ta' l-Istati Membri, terġa tiġi esportata. L-applikazzjoni tas-sistema għal tali merkanzija, bl-awtorizzazzjoni l-importazzjoni tagħha b'eżenzjoni tad-dazji doganali li kieku din tkunu suġġetta li tħallas li jkieku ġiet immessa fis-suq intern, tista' biss tikkontribwixxi li taġevola l-attivitajiet ta' esportazzjoni Komunitarji billi tippermettilhom li jaffaċjaw is-swieq dinjin f'kundizzjonijiet ta' kompetittivita iktar favorevoli" [traduzzjoni mhux uffiċjali tat-test Franċiż](C. J. Berr u H. Trémeau, iċċitat iktar 'il fuq, p. 327). Ara wkoll M. Reymão (iċċitat iktar 'il fuq, p. 155), li jindika li s-sistema ta' pproċessar tad-dħul, fil-preżent, mhijiex biss sistema doganali sospensiva, iżda pjuttost sistema b'missjoni ekonomika. Fil-fatt, l-għan essenzjali tagħha huwa li tiffavorixxi ċerti attività ekonomika filwaqt li tippromwovi l-esportazzjonijiet ta' l-impriżi Komunitarji. Ara wkoll T. Palacchino, iċċitat iktar 'il fuq, p. 322, u García Gallego, iċċitat iktar 'il fuq, p. 91.

16 — Sentenza tad-29 ta' Ġunju 1995, Temic Telefunken microelectronic, (C-437/93, Ġabra p. I-1687, punt 18), f'kuntest ta' kwistjoni dwar l-applikazzjoni tas-sistema ta' l-ipproċessar taħt il-kontroll doganali għall-metalli prezzjużi li jinsabu f'ċirkwiti integrati diffettużi, li tirriżulta f'operazzjoni ta' pproċessar tad-dħul.

każ fejn l-esportazzjoni tiġi qabel l-importazzjoni (sistema "EX/IM") [17].

24. Din l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 216 tal-KDK tidher li hija konformi ma' l-għan ekonomiku tas-sistema doganali ekonomika. Dan il-persegwiment ta' l-għan ekonomiku huwa ġġustifikata, minn naħa, bil-kumplessità u r-redazzjoni ftit li xejn espliċita, kif osservat mill-partijiet kollha f'din il-kawża, ta' dan l-Artikolu. Min-naħa l-oħra, l-analiżi ġuridika tal-kunċetti li jaqgħu taħt il-qasam doganali tippresupponi t-teħid in kunsiderazzjoni ta' l-implikazzjonijiet ekonomiċi tagħhom [18].

25. Madankollu, għalkemm l-Artikolu 216 tal-KDK ma kienx ġie applikat fil-każijiet fejn l-esportazzjoni tiġi qabel l-importazzjoni u l-prodotti jiġu esportati lejn pajjiż li miegħu jkun hemm ftehim preferenzjali li jkun fih klawsola ta' non rifużjoni, il-proprjetarju ta' l-awtorizzazzjoni ta' l-ipproċessar tad-dħul ma jħallasx dazji, la fil-mument ta' l-importazzjoni tagħhom, peress li dan huwa l-għan proprju ta' din is-sistema, u lanqas fil-mument ta' l-esportazzjoni bil-quddiem, skond il-klawsola tan-non rifużjoni.

26. L-istess bħal ftit awturi li kkunsidraw din is-sitwazzjoni [19], il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali, fid-dokument TAXUD li għalih jirreferi l-Gvern Taljan, semma n-natura illoġika ta' din is-sitwazzjoni: "[l]-Artikolu 216 tal-Kodiċi ġie introdott b'mod awtonomu sabiex jislet il-konsegwenzi, mill-perspettiva taddejn doganali, tar-"regola ta' non rifużjoni" inkluża f'ċerti ftehim preferenzjali. Huwa kien prinċipalment intiż sabiex jiggarantixxi, permezz ta' definizzjoni ta' sitwazzjoni speċifika li tagħti bidu għad-dejn doganali, irrispett ta' l-obbligi internazzjonali tal-Komunità, billi jċaħħad lill-esportatur/proprjetarju ta' l-awtorizzazzjoni għall-ipproċessar tad-

17 — Barra minn hekk, fil-futur, l-eżistenza tad-dejn doganali li għandu jitħallas f'każ bħal dan ma tridx tkun dubjuża. Filfatt, l-Artikolu 216 tal-KDK għandu jiġi sostitwit bl-Artikolu 50. Issa, l-Artikolu 50(1)(b) tal-proposta tal-Kodiċi modernizzat jikkontempla espressament l-ipoteżi fejn l-esportazzjoni tiġi qabel l-importazzjoni:
"Artikolu 50:
Dispożizzjonijiet speċjali marbuta ma' oġġetti li ma joriġinawx
1. Fejn ikun hemm projbizzjoni fuq teħid lura jew, eżenzjoni, mid-dazji fuq l-importazzjoni fuq oġġetti li ma joriġinawx użati fil-manifattura tal-prodotti, li għalihom inħarġet prova dwar l-oriġni tagħhom jew saret fil-kuntest ta' arranġament preferenzjali bejn il-Komunità u ċerti pajjiżi jew territorji barra t-territorju doganali tal-Komunità jew gruppi ta' dawk il-pajjiżi jew territorji, għandu jinteħel l-ammont dovut liddwana fuq l-importazzjoni fuq dawn il-prodotti, permezz ta' waħda minn dawn li ġejjin:
(a) l-aċċettazzjoni tan-notifika fuq l-esportazzjoni mill-ġdid marbuta mal-prodotti msemmija, miksuba permezz ta' pproċessar attiv;
(b) l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni marbuta ma' l-oġġetti li għaddew mill-ipproċessar attiv f'każ li l-prodotti proċessati msemmija jkunu diġa ġew esportati."

18 — "Meta wieħed jistudja s-sistema doganali ekonomika u jiddixxipplina ruħhu sabiex jistabbilixxi l-prinċipji bażiċi, wieħed jiġi naturalment indott li jqabbel il-missjoni ekonomika tas-sistema in kwistjoni mal-mekkaniżmi ġuridiċi li jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-użu tagħha. Dan il-metodu ta' analizi huwa neċessarju partikolarment [fil-kuntest tas-sistema ta' pproċessar tad-dħul] minħabba l-predominanza, iktar milli f'sistemi oħra, ta' fatturi ekonomiċi fuq id-direzzjoni li għandha tingħata lill-mekkaniżmi ta' applikazzjoni" [traduzzjoni mhux uffiċjali tat-test Franċiż](C. J. Berr u H. Trémeau, iċċitati iktar 'il fuq, 2006, p. 325).

19 — Ara H.-J. Priess u R. Pethke, *The Pan-european Rules of Origin: the Beginning of a New Era in European Free Trade, Common Market Law Review*, 34, 1997, p. 804: "Anti-duty drawback or exemption clauses constitute standard rules of free trade agreements. Their aim is to prevent a double advantage by using specific customs procedures, such as inward processing traffic to enter the preferential zone under exclusion or reduction of import duties, as well as preferential treatment after substantial transformation. Such duty drawback or exemption programmes would distort trade flows by attracting imports of third countries materials to the country applying such programmes". Ara wkoll P. Witte, *Zollkodex Kommentar*, Beck, Munik, 2006, p. 389: "Fin-nuqqas ta' dan ikun possibbli li jittieħed vantaġġ doganali doppju: l-ewwel nett, fuq l-importazzjoni fil-pajjiż ta' produzzjoni, u t-tieni nett, fuq l-importazzjoni fil-pajjiż li jibbenefika mit-trattament preferenzjali. Dan jirriżulta b'mod ċar fl-ambitu ta' l-ipproċessar tad-dħul li jirrigwarda l-merkanzija importata b'eżenzjoni ta' dazju li, wara l-ipproċessar u l-ksib tal-karattru oriġinarju, tiġi esportata mill-ġdid u li tista' tiġi importata f'pajjiżi terzi b'tariffi preferenzjali (drawback)" [traduzzjoni mhux uffiċjali tat-test Germaniż]

dħul mill-benefiċċju ta' din il-proċedura (eżenzjoni mid-dazji applikabbli għall-merkanzija importata) mill-mument meta r-regola tan-"non-rifużjoni" tkun teżisti fil-ftehim korrispondenti u tkun tapplika għall-prodotti esportati in kwistjoni. Sfortunatament, il-kliem użat fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi ma jirriflettix eżattament il-portata u l-kontenut tar-regola tan-"non rifużjoni"[...]"[20].

27. Fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni tikkunsidra li hija mhijiex marbuta minn dan it-test. Għalkemm dan effettivament m'għandu l-ebda valur obbligatorju[21], xorta waħda mhuwiex inutli li dan jiġi kkunsidrat, peress li dan il-kumitat huwa kostitwit minn speċjalisti eminenti f'dan il-qasam[22].

28. Konsegwentement, l-argument ta' Agrover li jgħid li l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 216 tal-KDK jikkaġunalha telf ta' madwar EUR 210 kull tunnellata ta' ross ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, min-nuqqas ta' applikazzjoni ta' l-Artikolu 216 tal-KDK għall-każ preżenti, jirriżulta qliegħ ta' EUR 80 kull tunnellata ta' ross (peress li Agrover tħallas ir-ross *paddy* importat mit-Tajlandja bil-prezz ta' EUR 210 kull tunnellata u peress li hija titħallas EUR 290 meta hija tesporta r-ross mitħun lejn l-Ungerija[23]), filwaqt li fil-każ li l-Artikolu 216 tal-KDK jiġi applikat, Agrover ikollha tħallas dazji fuq l-importazzjoni ta' EUR 210 kull tunnellata ta' ross *paddy*, jiġifieri b'telf ta' EUR 166 kull tunnellata ta' ross. Għalkemm din il-konsegwenza hija ċertament spjaċevoli għall-operatur ekonomiku, hija madankollu konformi ma' l-għan li tiġi ffavorita l-merkanzija Komunitarja a skapitu ta' l-importazzjonijiet mill-pajjiżi terzi. Għalhekk, f'ipoteżi bħal din, l-operatur ekonomiku għandu kull interess, kif jissuġġerixxi l-Kumitat tal-Kodiċi Doganali fid-dokument informattiv tiegħu ta' l-20 ta' Marzu 2003, li "preferibbilment jagħżel li ma jagħmilx użu mill-eżenzjoni mogħtija abbażi ta' l-ipproċessar tad-dħul u li jiffavorixxi l-esportazzjoni ta' ross oriġinarju fil-kuntest tal-ftehim preferenzjali". F'kull każ, Agrover għandha tħallas id-dazji fir-rigward ta' liema, fid-dawl taż-żmien li kellhom bżonn l-awtoritajiet Taljani sabiex jifhmu s-sitwazzjoni, l-istess Agrover finalment ibbenefikat minn termini ta' pagamenti partikolarment twal.

29. Fl-aħħar nett, fir-rigward ta' l-indikazzjoni, fl-ewwel domanda preliminari, li ma jeżisti l-ebda ftehim preferenzjali mal-pajjiż li minnu ġew il-prodotti importati, għandu jiġi

20 — Għalhekk, dan id-dokument jikkonkludi li "il-kliem attwali użat fl-Artikolu 216 għalhekk mhuwiex f'sintonija perfetta mal-kuntest internazzjonali li wassal għall-adozzjoni tiegħu u għall-emendi magħmulin sussegwentement għar-regoli ta' oriġini preferenzjali. Għalhekk dan għandu jiġi elaborat konsegwentement, u d-dipartimenti tal-Kummissjoni bdew jelaboraw proposti f'dan ir-rigward".

21 — Għalhekk il-Kummissjoni, ġustament, tirreferi għas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Mejju 2006, Friesland Coberco Dairy Foods (C-11/05, Ġabra p. I-4285), li, filwaqt li ssegwi l-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro tat-2 ta' Frar 2006 (punti 22 sa 35), fil-punt 33 tindika li "l-konklużjonijiet tal-kumitat m'għandhomx natura obbligatorja fuq l-awtoritajiet doganali nazzjonali li jiddeċiedu fuq talba għall-awtorizzazzjoni ta' pproċessar taħt il-kontroll doganali".

22 — Dan il-kumitat tal-Kodiċi Doganali huwa kontemplat mis-sebgħa premessa tal-KDK li tgħid li "għandu jitwaqqaf Kumitat tal-Kodiċi Doganali sabiex jiżgura kooperazzjoni mill-qrib u effettiva bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni", u mwaqqaf mill-Artikoli 247 *et seq* tal-KDK.

23 — Skond Agrover, il-prezz ta' tunnellata ross mitħun għandu fil-fatt ikun ta' EUR 500 it-tunnellata. Agrover spjegat li dan it-tnaqqis sostanzjali kellu l-għan li jiffaċilita x-xiri da parti ta' pajjiżi b'kapaċità ergonomika relattivament dgħajfa.

enfasizzat li din hija irrilevanti, peress li, jekk il-prodotti setgħu jiġu importati mingħajr dazju minħabba ftehim preferenzjali, il-problematika tal-mekkaniżmu ta' l-ipproċessar tad-dħul, intiż ġustament sabiex jissospendi d-dazji fuq l-importazzjoni, sempliċement lanqas biss tqum.

30. Għalhekk ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 216 tal-KDK japplika fil-każijiet fejn il-merkanzija Komunitarja tkun ġiet esportata bil-quddiem taħt is-sistema ta' pproċessar tad-dħul lejn pajjiż terz li miegħu jkun ġie konkluż ftehim li jipprovdi għall-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali.

B — *Fuq it-tieni domanda*

31. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda, Agrover tistax tibbenefika minn rifużjoni tad-dazji skond l-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK, minħabba eventwali żball ta' l-awtoritajiet doganali.

32. Għandu jiġi mfakkar li r-rimborż jew ir-rifużjoni tad-dazji, kemm fuq l-importazzjoni kif ukoll fuq l-esportazzjoni, jistgħu jingħataw biss taħt ċerti kundizzjonijiet u f'każijiet speċikament previsti. Għalhekk, id-dispożizzjonijiet li jipprovdu għal dan ir-rimborż jew din ir-rifużjoni għandhom jiġu interpretati b'mod strett [24].

33. L-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK jikkontempla espressament l-ipoteżi fejn "l-ammont ta' dazju legalment dovut ma jkunx iddaħħal fil-kontijiet bħala riżultat ta' żball min-naħa ta' l-awtoritajiet doganali", jiġifieri li l-awtoritajiet l-ewwel jieħdu deċiżjoni dwar l-ammont ta' dazji doganali mbagħad ibiddlu fehemthom u jgħidu li l-ammont ta' dazji ġie kkalkolat ħażin. Fil-każ preżenti, l-awtoritajiet doganali ma biddlux fehemthom; huma qatt ma ddikjaraw lil Agrover li ma kellha tħallas l-ebda taxxa. It-talba għall-ħlas tas-26 ta' Jannar 2004 tikkostitwixxi l-ewwel teħid ta' pożizzjoni ta' l-awtoritajiet doganali. Għalhekk, l-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK huwa, f'kull każ, inapplikabbli [25].

24 — Ara l-punt 52 tas-sentenza tal-11 ta' Novembru 1999, Söhl & Söhlke (C-48/98, Ġabra p. I-7877), li tirrigwarda kwistjoni bejn impriża li tinnegozja fit-tessuti f'Hauptzollamt Bremen fir-rigward ta' diversi avviżi ta' taxxa relattivi għall-importazzjonijiet taħt is-sistema ta' pproċessar tal-ħruġ u għall-esportazzjonijiet mill-ġdid ta' merkanzija mhux tal-Komunità imdaħħla fit-territorju doganali tal-Komunità.

25 — Fil-kuntest tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1697/79, ta' l-24 ta' Lulju 1979, dwar l-irkupru a posteriori tad-dazji fuq l-importazzjoni jew tad-dazji fuq l-esportazzjoni li ma ġewx mitluba lill-persuna taxxabbli għal merkanzija ddikjarata għal skema doganali li tinkludi l-obbligu ta' ħlas ta' dawn id-dazji (ĠU L 197, p. 1), il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li "huma biss l-iżbalji imputabbli għall-komportament attiv ta' l-awtoritajiet kompetenti u li l-persuna taxxabbli ma setax raġonevolment jinduna bihom li jagħtu dritt għall-irkupru *a posteriori* tad-dazji doganali" (sentenza tas-27 ta' Ġunju 1991, Mecanarte, C-348/89, Ġabra p. I-3277, punt 23). Fil-każ preżenti, ma kienx hemm komportament attiv ta' l-awtoritajiet doganali fil-mument ta' l-operazzjonijiet ta' importazzjoni, iżda sempliċi nuqqas ta' reazzjoni.

VI — Konklużjoni

34. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet magħmulin iktar 'il fuq, qiegħed jiġi propost lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti s-segwenti risposta għad-domandi magħmulin mill-Commissone tributaria regionale di Genova:

"1. L-Artikolu 216 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (iktar 'il quddiem il-"KDK"), japplika fil-każ fejn il-merkanzija Komunitarja tkun ġiet esportata bil-quddiem taħt sistema ta' pproċessar tad-dħul lejn pajjiż terz li miegħu jkun ġie konkluż ftehim li jipprovdi għall-għoti ta' trattament tariffarju preferenzjali.

2. L-Artikolu 220(2)(b) tal-KDK ma japplikax fil-każijiet li ma jkunux jikkonċernaw it-teħid in kunsiderazzjoni *a posteriori* tad-dazji doganali."